L-Orizzont

LORNA VASSALLO

Data tal-Pubblikazzjoni : Il-Gimgha, 17 ta' Gunju, 2005

**Cikku u Zeppu**

Nhar il-Hadd, il-Kap ta' l-Oppozizzjoni u Mexxej tal-Partit Laburista Dr. Alfred Sant, ta l-informazzjoni lill-pubbliku ta' kemm qed jiswew konsulenzi varji tal-Ministri tal-gvern prezenti kull sena. L-ammonti kienu tabilhaqq allarmanti meta wiehed jahseb illi fit-totalità taghhom, dawn il-konsulenzi, jiswew zewg miljuni u sitt mitt elf lira kull sena. Jekk dan l-ammont jinqasam, dan ifisser, li l-konsulenza qieghda tiswielna LM300 fis-siegha – meta kollha kemm ahna nafu li llum il-gurnata hawn hafna haddiema, specjalment dawk li jahdmu biss *part-time*, li jaqalghu inqas minn hekk f'gimgha!

Partikolarment issemmew erba'/hames ministri li kellhom bzonn jonfqu flejjes kbar f'konsulenzi. Il-Ministri kienu Censu Galea – b'nefqa ta' LM780,000 f'konsulenza; George Pullicino b'nefqa ta' LM765,000; Austin Gatt b'nefqa ta' 570,000, u l-Ufficcju tal-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi b'nefqa ta' LM500,000.

Dawn l-ahbarijiet, xokkanti kemm huma xokkanti, huma veritajiet u ma tantx hemm x'wiehed jaghmel dwarhom. Izda jqanqlu hafna mistoqsijiet.

Meta l-elettorat jivvota fl-elezzjonijiet, jivvota ghal nies li jemmen li huma kompetenti li jmexxu dipartimenti shah tal-gvern. Ghaliex, inkella ghaliex jivvota? U meta l-PM jaghti ministeri differenti f'idejn ministri differenti dawn iqassamhom skond il-kompetenzi, esperjenzi u kwalifici ta' dawk eletti mill-elettorat. Dawn huma zewg metodi varji ta' selezzjoni li suppost iwasslu biex jintaghzlu l-ahjar nies sabiex imexxu bl-ahjar mod dipartimenti li ultimamenti jfissru l-amministrazzjoni ta' flus il-poplu.

Il-fatt li hemm bzonn ta' daqshekk konsulenzi jista' jkun relatat mal-kompetenzi jew inkompetenzi tal-Ministri eletti u allokati ministeri u responsabbiltajiet differenti. Jewwilla, iktar konsulenti jfisser inqas ministri kompetenti? Jew ifisser li l-elettorat Malti qed jeleggi nies li jafu biss isibu nies ohra jahdmu flokhom – fi kliem iehor ifarfru x-xoghol u jdahhlu lil haddiehor bi hlas biex jaghmilhulhom?

Inbati sabiex nifhem il-psikologija wara din l-istruttura ta' ministru/konsulent. Donnhom li l-Ministri kollha ghandhom l-anglu/i kustodju/i (imhallas/imhallsa tajjeb) li jghidilhom/jghidulhom x'ghandhom jaghmlu. U demokratikament dan minnu nnifsu johloq ukoll deficit. Dan fis-sens illi l-konsulenti huma mod iehor (li gvern nazzjonalista sar espert taghhom) ta' kif tizloq mid-demokrazija. Mela l-poplu jtella' lil Cikku fil-Parlament bla ma jkun jaf li Cikku huwa abbinat ma' konsulent Zeppu. Konsulent Zeppu (li jithallas anke iktar minn Cikku) jigi maghzul arbitrarjament minn Cikku bla ma thabat xejn ghal postu. Issa, min mill-elettorat gie mistoqsi jekk jixtieqx lil Zeppu? L-elettorat mhux ghal Cikku vvota?! Mela ghal Zeppu?!

U jekk Zeppu qieghed jaghmel xoghol Cikku, Cikku x'inhuwa jaghmel? Ma nistghux forsi niffrankaw xi erba' soldi u flok ma nhallsu l-paga ta' Cikku u ta' Zeppu, inhallsu jew lil Cikku jew lil Zeppu?

Donnhom dawn Cikku u Zeppu; wiehed jidher u l-iehor ihawwad! Jew forsi Zeppu qieghed hemm ghax m'ghandux responsabbiltà politika bhal Cikku? Jew Cikku huwa "buffu tac-cirku"; jallegra l-poplu, izda inkompetenti sabiex jonora t-titolu tieghu, u jinheba wara injoranza li jpattilu ghaliha Zeppu?

U liema garanzija ghandna li sahansitra Zeppu huwa kompetenti? Jista' jaghti l-kaz li t-tnejn huma inkompetenti: u wiehed jaf jirrecta; l-iehor jaf biss jahbi wiccu?!

U l-istorja tkompli thawwar meta Zeppu ma jkunx Malti – izda jkun impurtat. Izda l-konsulenti bhal Zeppu m'ghandhomx ghalxiex ikunu Maltin – m'humiex marbutin b'lista kontra l-ohra li jridu jissodisfaw il-membri parlamentari sabiex ikunu eligibbli; sabiex jikkontestaw l-elezzjonijiet. Jistghu sahansitra jkollhom pedina hazina – ghaliex m'humiex ristretti bl-ebda mod.

Meta se nibdew flok ma ntellghu lil Cikku fil-Parlament; sabiex iqabbad lil Zeppu jaghmillu xoghlu – intellghu lil Zeppu fil-Parlament? Gvern Nazzjonalista ghandu l-wicc jghid li huwa gvern b'nies bi kwalitajiet li jmexxu l-pajjiz fl-istess nifs li jghid li qeghdin jithallsu dawn il-konsulenzi kollha? U… wara kollox… il-PM innifsu… minn fuq li ghabba lilu nnifsu b'Ministeru iehor… imbaghad jonfoq daqstant f'konsulenzi? Apparti li qieghed jammetti li huwa inkompetenti f'certu oqsma li jkollu jaqa' fuq haddiehor f'fiducja ghamja ghalli jghidulu jaghmel f'dawk l-affarijiet li m'ghandux opinjoni personali dwarhom – ma setax ma' l-ewwel jaghmel Ministru tal-Finanzi – probabilment lilna li nhallsu t-taxxi kien jigina irhas mill-konsulent jew konsulenti!

Jewwilla din xi loghba ohra bir-responsabbiltajiet politici? Kuxins tal-ministri? Nies li jithallsu minn flus il-poplu mhux eletti minnu? Nies li ma kkwalifikawx sabiex jikkontestaw elezzjonijiet, u li dahlu xorta f'post ministri eletti? Nies li ministri eletti huma obligati lejhom? Jew nies li qeghdin jghattu d-dghufijiet tal-Ministri? Iddur minn fejn iddur difficli ssib soluzzjoni plawzibbli u li taghmel sens. U, allura, l-Parlament minn xiex hu maghmul? Minn agenti tal-Konsulenti? Minn jaf kemm kienet il-hotba li talbu?

*Ghal kummenti jew suggerimenti iktbuli fuq lornav@onvol.net*